# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 44**

14 ta' Marzu 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier AGS talab sospensjoni tar-regolamenti u l-Kunsill qabel. Il-Kunsillier AGS għamel riferenza għal dak li ġie rrapportat fuqu fil-media lokali u għamlu riferenza għall-imġieba tiegħu bħala kunsillier. Huwa sostna li l-fatti ma ġewx irraportati tajjeb u qal li wara li fl-appell ħarġu l-fatti, is-sentenza tiegħu kienet niżlet għal erba' logħbiet kuntrarju għal dak li ġie rrapportat fuq uħud mill-media lokali.

## Minuti

### 44.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

44.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 44.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

44.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tlieta u erbgħin (43) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

44.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq korrezzjoni ta' materja nru 43.8 u talab li l-minuti ta' din il-materja jiġu riveduti. Il-Kunsill qabel li jirrevedi l-minuti u li għalhekk l-approvazzjoni tal-minuti għandha tiġi posposta għal-laqgħa li jmiss.

44.2.3. Il-Kunsillier VB staqsa jekk il-Kunsill kienx bagħat stedina uffiċjali lill-Arċipriet. Is-SE qalet li l-Arċipriet kien ġie l-uffiċċju dil-ġimgħa fuq affarijiet oħra u kienet informatu bix-xewqa tal-Kunsill. Hija qalet li għandha tieħu ħsieb tikkordina miegħu sabiex jiġu determinati ġurnata u ħin.

44.2.4. Is-Sindku DSH staqsiet jekk kienux intbagħtu ittri ta' ringrazzjament u awguri lill-Monsinjur u lill-Arċipriet. Is-SE wieġbet li dawn kienu għadhom ma ntbagħtux u għandhom jintbagħtu dalwaqt.

44.2.5. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 43.2.4 u nforma li l-laqgħa mal-Pulizija kienet saret.

44.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 43.2.7 dwar it toqba li hemm fis-subway u qal li sfortunatament, din kienet għadha ma tranġatx. Is-Sindku talbet li terġa' tintbagħat tfakkira lill-garaxx tal-Gvern sabiex din titranġa.

44.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 43.3.5 u rringrazzja lill-Kunsillier AD għall-bozza fit-Telgħa tal-Kurċifiss li kienet ġiet installata.

44.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 43.3.6 u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex korrispondenza dwar id-dawl fil-periferija u l-linji tat-traffiku li għandhom isiru. Is-Sindku nformat li ma kienx hemm tweġiba u għalhekk il-Kunsill qabel li għandha terġa tintbagħat tfakkira.

### 44.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

44.3.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-atti ta' vandaliżmu riċenti li kienu saru fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Hija qalet li l-Kunsill kien irnexxilu jġib il-filmati mill-kameras tas-sigurtà u qalet li dawn il-filmati ser jgħaddu għand il-Pulizija biex jiġu riveduti. Is-Sindku qalet ukoll li r-ronda tal-Pulizija kienet qegħda ssir u dan jidher ċar mill-fatt li ftit minuti qabel seħħ l-att vandalu, fil-filmati dehru membri tal-Pulizija ħerġin mill-istess latrina.

44.3.2. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-ammont dovut mill-Akkademja ta' Justin Haber u qalet li dan l-ammont kien ilu pendenti 'il fuq minn sena. Hija qalet li kienu saru diversi tentattivi sabiex l-ammont jitħallas iżda s'issa dan kien għadu pendenti. Għalhekk hi pproponiet li l-Kunsill jipproċedi b'mod legali u jitlob lill-Avukat sabiex jibgħat ittra legali. Il-Kunsill qabel.

44.3.3. Il-Kunsillier AGS staqsa jekk il-piċċ kienx qed jintuża mit-tim tat-turnament li għandu jittella f'Lulju. Is-Sindku kkonfermat li dan kien qed jintuża minnhom.

44.3.4. Is-Sindku DSH informat li kien tlesta x-xogħol fuq il-culverts ta' Triq San Publju u għalhekk setgħet tintbagħat l-invoice lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jiġi rimborsat l-ispiża li ntefqet. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi.

44.3.5. Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien irċieva l-fondi ta' €20,000 mill-Awtorità tat-Turiżmu relatati mal-edizzjoni tal-Isle of MTV imtella' fis-sena 2016.

44.3.6. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-fatt li kien twaħħal pajp tal-*airconditioner* fil-bitħa tal-Kunsill mingħajr permess. Is-Sindku qalet li jidher li l-persuna li nstallat dal-pajp allegatament daħlet fil-propjetà tal-Kunsill mingħajr permess, wara li kienet talbet permess lill-Kunsill u kienet ġiet nfurmata li l-materja għandha l-ewwel tittella' għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill biex jiġi stallat dal-pajp. Biex gie stallat dal-pajp, allegatament persuna daħlet fil-propjetà tal-Kunsill mingħajr permess. Intalab parir legali mill-Avukat tal-Kunsill fejn il-Kunsill kien informat li seta' jibgħat ittra interpellatorja biex dan il-pajp jitneħħa. Wara diskussjoni, Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat ittra formali lill-persuna in kwistjoni fejn jinformaha li l-Kunsill kien jistenna li jkun hemm l-awtorizzazzjoni min-naħa tiegħu qabel ma twaħħal dan il-pajp. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinformaha li fil-futur jippretendi li l-persuna titkellem mal-Kunsill u tistenna l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ma jkunx hemm riperkussjonijiet ulterjuri.

44.3.7. Is-Sindku DSH qalet li kienet iltaqgħet mal-kuntrattur Nexos dwar l-applikazzjoni għall-meter tad-dawl fi Ġnien Vilhena. Hija qalet li l-kuntrattur kien informaha li kien hemm problema fil-mod kif kien sar id-dawl u qal li ma setax jiffirma l-applikazzjoni tal-meter u jieħu r-responsabbilta ta' dan fuqu.

44.3.7.1. Hija qalet li kienet talbitu stima għat-tiswija iżda l-kuntrattur informaha li ma setax jagħtiha stima definita minħabba li ma jkunx jaf x'se jsib x'ħin jibda jaqla'.

44.3.7.2. Is-Sindku qalet li hu kien informaha li kien lest iwaħħal kaxxa tal-meter qabel bil-kundizzjoni li d-dawl jitranġa ladarba kien ser jiffirma għalih hu.

44.3.7.3. Is-Sindku qalet ukoll li hi kienet qed tipprova titlob l-għajnuna finanzjarja tal-Gvern biex is-sistema titranġa iżda kienu qed jinsistu li għandha l-ewwel tinġieb stima.

44.3.7.4. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jitlob lin-Nexos jagħtih stima bil-massimu li tista' tiġi l-ispiża.

44.3.8. Il-Kunsillier AD informa lill-Kunsill li finalment, l-Enemalta kienet laħqet ftehim mal-Group 4 sabiex titħalla tintuża s-*substation* li hemm maġenb *Development House*. Huwa qal li permezz ta' dan, il-ħaddiema ser ikunu jistgħu jibdew jaħdmu sabiex jirranġaw id-dawl ta' fuq il-Fosos.

44.4 Il-Kunsillier JAE qal li kien innota li maġenb l-Għajn ta' Wignacourt, kien hemm xi materjal. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jiġbed l-attenzjoni tal-Perit.

## 44.5 RAPPORTI

44.5.1. Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 44.6 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

44.6.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-bank li kien inkiser fi Ġnien il-Mall. Is-Sindku DSH qalet li dan il-bank kien diġà ġie rrapportat lill-ELC sabiex jiġi rranġat.

44.6.2. Il-Kunsillier AGS staqsa jekk il-ġnien ta' quddiem l-iSptar Sir Paul Boffa jaqax taħt l-ELC. Is-Sindku wieġbet li sa fejn taf hi, dan il-ġnien kien jaqa taħt ir-responsabbilta tal-Gvern u għalhekk jieħdu

ħsiebu l-ELC. Il-Kunsillier AGS staqsa jekk jistgħux jerġgħu jintbagħtu r-ritratti tas-siġar li hemm bżonn jinżabru lil Dr Ronald Cuschieri. Il-Kunsill qabel.

**44.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;**

44.7.1. Is-Sindku qalet li kienet inżammet laqgħa mal-Pulizija fejn il-Kunsill kien talab li jkun hemm iżjed ronda. Hija qalet li l-Pulizija kienu nformaw li l-għassa kienet qed titħalla miftuħa iktar spiss u tingħalaq meta l-Pulizija jkunu qed jagħmlu r-ronda. Hija qalet li kienu nformaw ukoll li kien hemm tliet Pulizija assenjati fil-lokalita. Is-Sindku qalet li kien hemm ftehim li jkun hemm laqgħat aktar spissi mal-Pulizija.

**44.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

44.8.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 37/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

44.8.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

44.8.2. Is-SE informat lill-membri preżenti li l-Kunsill għandu pendenti kont tal-polza tal-assigurazzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat li qed jiġi mitlub li jitħallas hekk kif jaslu l-kwotazzjonijiet relatati mal-murtaletti li ser jingħataw minn fuq il-bejt tal-każin. Il-Kunsill qabel li jagħżel l-orħos offerta u jekk hemm bżonn, issir reviżjoni tal-polza tal-assigurazzjoni skont il-każ. Il-Kunsill qabel ukoll li l-polza għandha titħallas immedjatament kif jaslu l-kwotazzjonijiet.

**44.9 MOZZJONIJIET;**

44.9.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

**44.10 OFFERTI PUBBLIĊI;**

44.10.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-indafa fil-Floriana u qalet li kienet żaret Triq il-Mall c/w Triq l-Argotti u baqgħet impressjonata meta rat li saħansitra kienu ramgħew barra kamra tas-sodda sħiħa bis-saqqu b'kollox. Hija qalet li kien wasal iż-żmien li tiġi nstallata kamera tas-sigurtà biex ikun hemm moniteraġġ tajjeb ta' din iż-żona. Għalhekk hi pproponiet li l-Kunsill jibgħat ittra lir-residenti biex jinformahom b'din il-kamera. Il-Kunsillier JAE qal li dik il-ġimgħa stess kien innota li mal-kantuniera tal-MSV kien hemm boroż u materjal ieħor u ppropona li titwaħħal tabella biex ma jintremiex skart barra. Is-Sindku qalet li l-faċċata kienet tal-MSV u għalhekk il-Kunsill ma setax jaqbad u jwaħħal tabella. Hija qalet ukoll li r-residenti ma jagħtux każ it-tabelli. Għalhekk il-Kunsill qabel li jitlob kwotazzjonijiet għall-kamera tas-sigurtà.

44.10.2. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-piċċ sintetiku u l-bżonn li jitranġa. Hija qalet li s-SE kienet kitbet lill-offerent li oriġinarjament kien stalla t-turf sabiex jagħti xi kjarifiki dwar l-offerta tiegħu u hu kien informa li għalkemm il-piċċ seta' jiġi rranġat, dan ma kienx irrakkomandat. Is-Sindku qalet li jidher li ma kienx ser jagħmel sens li dan jitranġa u li jidher li jkun aħjar li jsir mill-ġdid, f'waqtu, bħala parti mill-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsillier AD issuġġerixxa li l-Kunsill jibda x-xogħol tal-piċċ l-ewwel. Għalhekk il-Kunsill qabel li dan m'għandux jissewwa għalissa u jsir mal-bidu tal l-proġett tal-KGV.

44.10.3. Is-Sindku għamlet riferenza għas-saqaf tal-gabbana u qalet li miż-żewġ kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva, irriżulta li ser ikun hemm bżonn li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti fuq l-ePPS minħabba li l-ammont permess kien ser jinqabeż. Il-Kunsill qabel li jistenna kwotazzjonijiet oħra sabiex jara jekk hux ser ikun hemm bżonn toħroġ sejħa fuq l-ePPS.

44.10.4. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bit-tenders li kienu ser jagħlqu fix-xhur li ġejjin li kienu: Upkeep of soft areas, Insurance policy, Gardens maintenance, Collection of mixed household waste u Road resurfacing and patching, kif ukoll il-ftehim mal-GreenMT. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jibda jipprepara d-dokumenti neċessarji sabiex jinħarġu dawn is-sejħiet.

44.10.5. Il-Kunsillier JAE saqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-gabbana. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mad-Dipartiment tal-Kuntratti u issa l-Kunsill kien qed jistenna li jingħata l-*go ahead* min-naħa tagħhom.

## 44.11 KORRISPONDENZA

### 44.11.1 ILMENT MID-DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET PUBBLIĊI

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Direttur tad-Dipartiment tal-Eżamijiet Pubbliċi li nforma lill-Kunsill li l-garaxxijiet tad-Dipartiment kienu ġew ostakolati meta nbnew il-bankini tal-madwar. Għalhekk huwa talab li l-Kunsill jagħmel ix-xogħol neċessarju sabiex jitneħħa dan l-ostaklu. Is-SE qalet li hi kienet talbithom jipprovdu l-permessi u l-pjanti oriġinali iżda dawn kienu baqgħu ma waslux. Is-SE kompliet billi qalet li l-Kunsill kien ikkomunika mal-Perit Edward Said, storiku, li kien informa lill-Kunsill li dawn l-imsejjħa garaxxijiet qatt ma kienu intenzjonati biex jintużaw bħala parkeġġ. Fid-dikjarazzjoni tiegħu, il-Perit Edward Said qal hekk:

*"Perit Renato Laferla had personally told [me] that the building was designed in such a way as to give the impression of something 'floating' above the promenade without being obtrusive to the garden.*
*The school is considered by experts as one of country's best examples of Modernist Architecture and in fact it was featured in the book Modernist Malta.*
*Laferla also wanted to create something that was complimentary to the Mannerist Wignacourt Tower, Baroque Sarria, Pseudo-Gothic Wesleyan Church (Robert Sammut Hall) and the tall trees of the surrounding gardens and at the same time use an architecture that was modern and true to the age.*
*The slits (pilotis) were inspired from Le Corbusier' s concept of allowing open spaces beneath buildings by carrying the later on slender supports.*
*Regrettably (to Laferla' s dismay) the stilts were widened into chunky cubes at the base since the authorities feared that buses might collide with them."*

Is-SE qalet ukoll li huma kienu lmentaw ukoll li kienu qed jipparkjaw il-muturi quddiemhom. Għalhekk il-Kunsill qabel li jinforma lill-Gwardjani Lokali sabiex jagħtu twissija lil tal-muturi qabel ma jibdew jitħarrku.

### 44.11.2 REKLAM FIL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ASSOĊJAZZJONI PUBLJU TA' MALTA

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta fejn offrew lill-Kunsill jirreklama fil-pubblikazzjoni annwali tal-festa. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel riklam ta' nofs paġna, black and white li jammonta għal €250.

### 44.11.3 KORRISPONDENZA MINGĦAND FREMO

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Fremo li talbu permess jagħmlu tabella bl-isem tat-triq mal-kantuniera tagħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jagħtihom permess iwaħħlu tabella a spejjeż tagħhom bil-kundizzjoni li jinżamm l-istess *artwork*.

### 44.11.4 Korrispondenza mill-Kurja

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Kurja fejn informaw lill-Kunsill bil-ħsieb li tiġi nstallata sistema tad-dawl ġdida mal-faċċata tal-bini tal-Kurja. Huma talbu li titneħħa l-lampa tad-dawl li hemm imwaħħla mal-faċċata sabiex ikun jista' jitwettaq dan il-proġett. Il-Kunsillier AD informa li hemm applikazzjoni li trid timtela kemm biex ikun hemm emendi fid-dawl u anke biex jitneħħa xi dawl mit-triq. Il-Kunsill qabel li l-prioritajiet tiegħu kienu r-residenti u s-sigurtà fit-traffiku, u għalhekk ma jistax jieħu deċiżjoni qabel ma l-Kunsill ikollu pjanti finali f'idejh. Huwa qabel li għandu jinforma lill-Kurja li l-Kunsill kien kuntent ħafna bil-fatt li kienet ser issir manutenzjoni fuq il-faċċata iżda għandhom jintalbu jipprovdu pjanti finali/disinn qabel ma l-Kunsill jista' jieħu deċiżjoni finali.

### 44.11.5 Invit mill-President ta' Malta

Is-Sindku DSH ressqet invit mingħand il-President ta' Malta għal riċeviment nhar it-Tlieta 10 t'April 2018. Il-Kunsill qabel li għandu jattendi il-Viċi Sindku VB flimkien mal-mara. Il-Kunsillier AD u AGS qalu li għandhom jikkonfermaw jekk hux ser jattendu sal-aħħar tal-ġimgħa.

### 44.11.6 Korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena – Banda ad unur tal-Arċipriet-il ġdid

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn offrew lill-Kunsill jorganizza banda ad unur l-Arċipriet il-ġdid, nhar il-11 t'April 2018. Il-Kunsill qabel li jorganizza din l-attività b'mod konġunt bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix €150. Il-Kunsill qabel li għandu jinformahom bid-deċiżjoni tiegħu li jiġi osservat il-protokoll u jesiġi wkoll li s-sehem u l-kontribut tal-Kunsill għandu jiġi apprezzat aktar kif mistħoqq.

### 44.11.7 Data Protection Impact Assessment

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informaw li għandu jibda jsir Data Protection Impact Assessment qabel ma jiġu nstallati kameras tas-sigurtà li jkunu taħt ir-responsabbilta diretta tal-Kunsill.

### 44.11.8 E-motos

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Edoardo Mendez Perez li ressaq siteplan ta' fejn qed jipproponi li jitħallew l-e-motos. Is-Sindku qalet li kienu qed jiġu proposti erbgħa spazji maġenb il-Middlesea u tnejn fi Triq is-Suq.

**Nota: 18:31 Il-Kunsillier AD talab li jkun skużat.**

Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi jekk il-muturi hux ser jitħallew jipparkjaw fi spazju normali ta' parkeġġ, qabel ma jieħu deċiżjoni.

**Nota: 18:32 Il-Kunsillier AD reġa' attenda għal-laqgħa.**

### 44.11.9 Urban Improvement Funds

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Urban Improvement Funds kienu telgħu għal €326,000. Is-Sindku nformat ukoll li l-Kunsill kien bagħat tfakkira lis-Sur Konrad Pulé mit-Trasport Pubbliku dwar il-possibbiltà li l-karozzi jkunu jistgħu jaqsmu direttament minn Triq Emvin Cremona għal Triq Sant'Anna.

**44.11.10 VEGAN FESTIVAL**

Is-Sindku DSH ressqet talba sabiex jiġi organizzat Vegan Festival fuq il-Fosos, f'Ġunju. Is-SE informat li l-unika ġranet f'Ġunju li ma kienux għadhom ibbukkjati kienu mill-1 sas-6 ta' Ġunju 2018. Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi kemm-il ġurnata kien ser idum il-festival qabel ma jieħu deċiżjoni.

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva korrispondenza mingħand il-Ministru Owen Bonnici rigward il-ħarsien tal-Fosos. Il-Kunsill wieġeb li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta u qabel li għandu jerġa jibgħat tfakkira.

**44.11.11 POPOLAZZJONI AĠĠORNATA TAL-LOKALITA**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-popolazzjoni aġġornata tal-Floriana għas-sena 2015 kienet ta' elf disa' mija u tmienja u disgħin filwaqt li għas-sena 2016 kienet ta' elfejn u seba' persuni.

**44.11.12 SUBMETER FI PJAZZA PAPA ĠWANNI XXIII**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li maġenb il-monument ta' Vilhena kien hemm submeter tal-Enemalta li joħloq periklu. Hija qalet li dan is-submeter tħalla fi stat ħażin matul żmien il-Karnival. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb din is-sitwazzjoni b'mod immedjat.

**44.11.13 TALBA MIS-SOĊJETA FILARMONIKA VILHENA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn talbu li jinbidlu l-bozoz tal-faċċata tagħhom meta tinxtegħel Triq Sant'Anna. Il-Kunsill ma laqax din it-talba u qabel li għandu jinformahom li għandu jikkunsidra din il-proposta ladarba jkun f'pożizzjoni finanzjarja aħjar.

**44.11.14 TALBA MINGĦAND DION GALEA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Dion Galea fejn offra lill-Kunsill biex jorganizza l-festa tat-tfal b'mod konġunt magħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb iġib żewġ *fire-engines,* waħda għad-9 t'April u l-oħra għat-13 t'April, u li kwalunkwe spiża ulterjuri ma teċċedix €100.

**Nota: 18:50 Is-Sindku talbet li tkun skużata.**

**44.12 ĠENNA TA' ĠONNA**

44.12.1. Is-Sindku VB preżenta rapport ta' spejjeż u dħul li ser jitressaq quddiem id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jintalbu lura l-ispejjeż li l-Kunsill ikun nefaq. Il-Kunsill approva r-rapport b'mod unanimu.

**Nota: 18:52 Is-Sindku reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

44.12.2. Il-Kunsillier JAE informa li din is-sena l-edizzjoni ta' Notte Bianca ser tinżamm nhar is-6 t'Ottubru 2018 u għalhekk ippropona li Ġenna ta' Ġonna tinżamm ġimgħa wara, u cioe nhar l-14 t'Ottubru 2018.

44.12.3. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li l-Kunsill jikkuntattja lill-banka tad-demm u joffri li tipparteċipa f'Ġenna ta' Ġonna kif ukoll f'Jum il-Floriana. Il-Kunsill qabel mal-proposta bil-kundizzjoni li l-banka ma tintramax quddiem il-Knisja. Il-Kunsill qabel li għandu jissuġġerixxi li din tintrama fi Triq Sarria jew inkella fi Triq San Publju, ftit 'il fuq minn The Granaries.

**44.13** **IL-FUNTANA TAT-TRITONI**

44.13.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi għamlet riferenza għal dak li ġie diskuss fl-aħħar laqgħa u cioe għas-suġġeriment biex il-Kunsill jikteb lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tirrevedi l-konfini tal-Floriana. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi u jikteb lill-Kummissjoni Elettorali.

**44.14** **FIREWORKS FESTIVAL**

44.14.1. Il-Kunsillier JAE qal li l-poster kien lest u għandu jtellgħu fuq il-website l-għada.

44.14.2. Is-Sindku DSH preżentat rapport ta' spejjeż u dħul biex jitressaq quddiem id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jintalbu lura l-ispejjeż li l-Kunsill ikun nefaq. Il-Kunsill approva r-rapport b'mod unanimu.

44.14.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Noel Castillo fejn qal li hemm bżonn jitwessgħu it-toqob eżistenti partikularment waħda minnhom minħabba li waħda mill-irdieden ma kienitx tidħol fit-toqba li hemm.

44.14.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jintuża adapter jekk possibbli u f'każ li ma jistax isir mod ieħor allura għandha tingħata eċċezzjoni għal dik is-sena biss. Il-Kunsill qabel ukoll li fil-kuntratt tas-sena d-dieħla għandha tiżdied kundizzjoni li tistipula d-dijametru massimu tat-toqob li ser jintużaw.

44.14.5. Il-Kunsillier AGS staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-kaxxa tal-għeluq. Is-SE spjegat li wara li tkellmu mal-Pulizija, ġew informati li minn fuq il-bjut, murtaletti taċ-Ċiniżi biss setgħu jinħarqu. Is-SE qalet li minħabba li l-insurance kienet lesta, kien ġie ssuġġeriet li l-persuna li ser taħdem in-nar għandha titniżżel fl-insurance tal-Knisja u l-Kunsill joħroġ id-differenza. Is-SE qalet li hi ma taqbilx, biex jiġu osservati r-regolamenti tal-finanzjament tal-Kunsilli u għalhekk proponiet li tiġi riveduta l-insurance tal-Kunsill jekk kien ser ikun il-każ. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u għalhekk qabel li għandu jirrevedi l-insurance tiegħu.

44.14.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għas-suġġeriment li kien ressaq biex ir-rebbieħ tal-edizzjoni jagħmel il-kaxxa tal-għeluq tal-edizzjoni ta' wara. Is-Sindku qalet li dan is-suġġeriment għandu jiġi diskuss f'laqgħa li jmiss.

44.14.7. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għad-delegazzjoni minn Macerata u nformat li l-Grand Hotel Excelsior kienu sponsorjaw anke l-ikel tagħhom għal filgħaxija. Għalhekk is-Sindku proponiet li minflok li l-Kunsill joħroġhom jieklu f'xi ristorant, il-membri tal-Kunsill għandhom imorru jieklu magħhom fil-lukanda. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

44.14.8. Is-Sindku DSH qalet li kienet ġejja kumpanija tal-folklor minn Palermo, imħallsa mill-Ambaxxatriċi Maltija għall-Italja. Is-Sindku qalet li kien intlaħaq ftehim sabiex is-show jinżamm il-Ħadd fl-4.30pm.

**Nota: 19:18 Il-laqgħa ġiet sospiża.**
**19:24 Il-laqgħa tkompliet.**

44.14.9. Wara diskussjoni mill-Kunsill, il-Kunsill qabel li jinbidel il-ħin u dan ix-show jinżamm bejn 12.00pm u 12.45pm u s-soundcheck isir mill-11.30am sa nofsinhar, u dan sabiex l-attività ma tkunx konfliġġenti ma' funzjoni li għaddejja fil-Knisja. Il-Kunsill qabel li x-show għandu jinżamm fi Triq Sant'Anna c/w Triq il-Miratur.

## 44.15 POSTERS - TRIQ IL-MIRATUR

44.15.1. Il-Viċi Sindku VB innomina lis-Sinjura Mary Dimech, eks Viċi Sindku tal-Kunsill.

44.15.2. Is-Sindku DSH innominat lis-Sur Joseph Micallef, persuna li għenet ħafna lil-lokalita u lill-għaqdiet; lis-Sur Brian Zammit li kien l-ewwel persuna fil-Floriana li rebaħ il-Karnival; lis-Sinjura Roberta Farrugia Nichols, DJ u lis-Sinjura Maria Grech Ganado, awtriċi u lecturer.

44.15.3. Il-Kunsillier AGS innomina lis-Sur Louis Arpa, plejer tal-futbol u parti mit-tim tal-Floriana FC.

44.15.4. Il-Kunsillier JAE innomina lis-Sur Ġużeppi Sciberras, l-ewwel persuna li tniżżel fuq il-Guinness Book of Records, lil Fr Joseph Cassar, missjunarju u lill-Peppi Azzopardi, ġurnalist u preżentatur.

**Nota: 19:27 Il-laqgħa ġiet sospiża.**
**19:29 Il-laqgħa tkompliet.**

44.15.5. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-personaġġi onorati din is-sena għandhom ikunu is-Sur Louis Arpa, is-Sinjura Mary Dimech, is-Sur Joe Cassar, is-Sur Brian Zammit, is-Sur Joseph Sciberras u s-Sur Joseph Micallef.

## 44.16 SKEMA TA' PARKEĠĠ RESIDENZJALI

44.16.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-permessi tal-iskema ta' parkeġġ u qalet li hemm numru sostanzjali minnhom li kienu għadhom ma nġabrux. Hija qalet li hemm bżonn li l-Kunsill jieħu deċiżjoni fuq dawk il-permessi li kienu għadhom ma ġewx imġedda.

44.16.2. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jċempel kif ukoll jibgħat ittra lil dawk kollha li għadhom ma ġabrux il-permess u jinformahom li ser jingħata ultimatum u li l-vetturi bil-permess skadut ser jibdew jitħarrku mill-15 ta' Mejju 2018.

44.16.3. Il-Kunsill qabel li fl-istess fuljett għandu jinkludi wkoll tagħrif dwar ix-xogħolijiet li saru fi Triq John Lopez u fi Triq San Publju kif ukoll awgurju għall-festa u reklam għall-festival tan-nar.

44.16.4. Il-Kunsill qabel ukoll li l-avviż għandu jittella' fuq il-paġna ta' Facebook u jitwaħħal ukoll man-noticeboards tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitlob lill-Arċipriet sabiex jikkomunika din in-notifika waqt l-avviżi li jinqraw fil-Knisja.

## 44.17 LIVE CAM TRIQ SANT' ANNA

44.17.1. Is-Sindku għamlet riferenza għal-live cam li kienet twaħħlet fuq il-Fosos u qalet li kien hemm suġġeriment biex titwaħħal oħra fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattja lill-kuntrattur u jitlob kwotazzjoni għal din il-kamera.

## 44.18 ST PATRICK'S DAY

44.18.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-edizzjoni ta' St Patrick's Day li kienet għadha kif inżammet u qalet li tħoss li din l-edizzjoni kienet ħafna aħjar mis-sena ta' qabel.

44.18.2. Il-Viċi Sindku VB qal li nnota li ma tantx kien hemm konkorrenza qawwija.

44.18.3. Is-Sindku qalet li jidher li din l-attività kienet qed tattira iktar nies mil-lokali milli nies minn barra.

## 44.19 JUM IL-FLORIANA

44.19.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li Jum il-Floriana ser tinżamm fis-6 t'April 2018. Hija qalet li l-kantanti li kienu ser jipparteċipaw kienu Bradley u Leah.

44.19.2. Is-Sindku qalet li kien hemm bżonn tittieħed deċiżjoni fuq il-premju ta' Ġieħ il-Floriana kif ukoll irid jinħatar Bord tal-Għażla.

44.19.3. Il-Kunsillier JAE qal li kienet ser issir preżentazzjoni tal-banners li kien hemm fi Triq il-Miratur inkluż dawk li ser ikun hemm din is-sena.

44.19.4. Huwa nforma li għandu jitkellem ma' xi ħadd li jieħu ħsieb ir-ritratti.

44.19.5. Il-Kunsillier JAE saqsa jekk il-kuntrattur tal-viżwali kienx l-istess wieħed tas-soltu. Is-Sindku kkonfermat li kien Jean Claude Vella.

44.19.6. Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsillier AD tas-sehem tiegħu f'dawn l-aħħar sentejn fil-kumitat tal-għażla. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu postu il-Viċi Sindku VB.

44.19.7. Is-Sindku kompliet billi nformat li l-membri l-oħra tal-Bord huma is-Sinjura Rose Hili u s-Sur Andrew Amaira.

44.19.8. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-Premju ta' Ġieh il-Floriana. Il-Viċi Sindku VB innomina lis-Sur Tony Zarb iżda l-Kunsill ma qabilx minħabba li s-Sur Tony Zarb kien diġà ingħata rikonoxximent fuq il-banners fis-snin li għaddew.

44.19.9. Is-Sindku DSH u l-Kunsillier JAE innominaw lis-Sinjura Maria Grech Ganado, ispirazzjoni għall-feminiżmu u brillat fil-qasam tal-letteratura. Il-Kunsill qabel ma' din in-nomina u qabel li l-premju ta' Ġieħ il-Floriana għandu jingħata lis-Sinjura Grech Ganado.

## 44.20 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

44.20.1. Il-laqgħa intemmet fit-7.55pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 18 ta' April fil-5.00pm.

**Konfermati, illum 18 ta' April 2018.**

**IFFIRMATI**
Davina Sammut Hili
Sindku

**IFFIRMATI**
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv